Kunsill Reġjonali Għawdex

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Reġjonali Għawdex Nru 152/2026**

**Il-Ħamis, 26 ta' Marzu, 2026**

**Il-Kunsill Reġjonali Għawdex iltaqa' ġewwa il-*boardroom* tal-Kunsill Lokali tal-Għarb (peress li fl-uffiċċju tar-Reġjun m'hemmx spazju). Il-laqgħa bdiet fis-6:00 ta' filgħaxija.**

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Dr. Samuel Azzopardi | President |
| Is-Sur David Apap Agius | Sindku, Kunsill Lokali Għarb |
| Is-Sur Brian Azzopardi | Sindku, Kunsill Lokali Rabat, Città Victoria |
| Is-Sur Mario Azzopardi | Sindku, Kunsill Lokali Kercem |
| Is-Sur Baskal Saliba | Sindku, Kunsill Lokali Żebbuġ |
| Is-Sur Noel Formosa | Sindku, Kunsill Lokali San Lawrenz |
| Is-Sur Paul Buttigieg | Sindku, Kunsill Lokali Qala |
| Is-Sur Stephen Mercieca | Kunsillier, Kunsill Lokali Għajnsielem |
| Is-Sur Philip Cassar | Viċi Sindku, Kunsill Lokali Sannat |
| Is-Sinjura Carmen Parnis | Viċi Sindku, Kunsill Lokali Munxar |
| Is-Sur Joseph Mercieca | Kunsillier, Kunsill Lokali Fontana |
| Is-Sur Sammy Saliba | Viċi Sindku, Kunsill Lokali Għasri |

**ASSENTI B'APOLOĠIJA (SKONT ORDNI PERMANENTI 14A (3)):**

Kunsill Lokali Xewkija
Kunsill Lokali Xagħra

**ASSENTI:**

Kunsill Lokali Nadur

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sinjura Rita Mifsud Attard, Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Il President ippresjeda l-laqgħa.

**152.1 Talba.**

152.1.1 Il-laqgħa bdiet billi ntqalet it-talba tal-bidu.

**152.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti.**

151.2.1 Il-President ippreżenta l-minuti tal-laqgħa 151 li kienu ġew iċċirkolati minn qabel u għaldaqstant, ġew ikkunsidrati bħala moqrija. Dawn ġew approvati.

**152.3 Korrispondenza.**

152.4.1 Ir-Reġjun ta' Għawdex ġie mitlub permezz ta' laqgħa online mas-Segretarju Eżekuttiv u l-Maniġer tal-IT biex il-laqgħat tar-Reġjun jibdew issiru online. Waqt din il-laqgħa is-Segretarju Eżekuttiv ġiet informata li l-ebda Kunsill Reġjonali m'hu qed ixandar il-laqgħa online. Is-Segretarju Eżekuttiv informat lid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali li r-Reġjun ta' Għawdex bħalissa jinsab *"in transit"* għaliex il-kuntratt ta' kera għadu kif skada u wara ser ikollu jerġa jixxiftja għal post permanenti. Il-maniġer tal-IT ġie mistoqsi mill-Assistent Direttur dwar il-possibbiltà' li dawn jiġu mxandra bl-użu ta' Teams. Il-membri preżenti ma qablux li dawn il-laqgħat jibdew jiġu mxandra. Il-President ġibed l-attenzjoni li għalkemm il-membri huma persuni eletti meta jkunu waqt il-laqgħat tar-Reġjun ikunu qed jirrappreżentaw lill-Kunsilli tagħhom u mhux lill-poplu tagħhom.

152.3.2 Ir-Reġjun irċieva korrispondenza mill-Kavalier Joe M. Attard dwar it-tieni edizzjoni tal-ktieb tiegħu tal-poeżiji intitolat *"L-Għanja tat-Tifkira".* Hu ssuġġerixxa li r-Reġjun jirregala kopji ta' dan il-ktieb lill-libreriji distrettwali madwar Għawdex. Kien hemm qbil li r-Reġjun jixtri 14-il kopja ta' dan il-ktieb u jitqassam lill-libreriji u (fejn m'hemmx librerija) l-Kunsilli Lokali. Il-prezz ta' kull ktieb huwa €15 iżda għar-Reġjun ser jinbiegħ bil-prezz ta' €12.50 kull wieħed. Kien hemm qbil li jinxtraw 14 il-ktieb.

152.3.3 Ir-Regjun irċieva korrispondenza mingħand il-Victoria International Arts Festival (VIAF) sabiex għal darb' oħra ir-Reġjun Għawdex ikun kollaboratur f'dan l-avveniment. L-ammont mir-Reġjun Għawdex huwa ta' €15,000 u din is-sena t-tema ser tkun Spanish and South American Classical Music. Din it-talba ġiet approvata.

152.3.4 Il-membri preżenti ġew informati dwar skema ġdida li bdiet topera f'Għawdex tal-BCRS (Beverage Container Refund Scheme). Għat-tnedija ta' din l-iskema kienu preżenti s-Segretarju Eżekuttiv flimkien mal-Maniġer tal-Koordinazzjoni tal-iskart. Din l-iskema tagħti servizz lill-persuni 'l fuq minn 60 sena u persuni li għandhom blue badge. Dan is-servizz huwa ġbir tal-fliexken riċiklabbli (BCRS) mid-dar dirett. Biex jintuża dan is-servizz trid tibbukkja. Ir-Reġjun Għawdex ser jitlob lill PR/Communications Officer sabiex iħejji poster u post fuq il-mezzi soċjali sabiex jintuża mill-Kunsilli Lokali Għawdxin biex jinformaw lir-residenti rispettivi.

**152.4 Rapport mill-Bord ta' Aġġudikazzjoni dwar il-ħatra ta' Maniġer tal-Fondi Ewropej u Lokali.**

152.4.1 Ġie ppreżentat ir-rapport mill-bord ta' aġġudikazzjoni għal Maniġer tal-Fondi Ewropej u Lokali. Il-bord irrakkomanda lis-Sinjorina Nicole Buttigieg għal din il-vakanza. Il-membri preżenti kkonfermaw din ir-rakkomandazzjoni. Is-Segretarju Eżekuttiv

għandha tinforma lis-Sinjorina Buttigieg u tistenna l-konferma tagħha sabiex taċċetta. Il-Maniġer eżistenti, s-Sur Fabian Galea ser jkompli biex jagħlaq il-proġett tal-European Youth Orchestra u fl-istess ħin jagħti handover lill-Maniġer il-ġdida.

**152.5 <u>Proġetti Ewropej.</u>**

152.5.1 F'dan il-ħin is-Segretarju Eżekuttiv tat rendikont tal-proġetti Ewropej li huwa nvolut fihom ir-Reġjun Għawdex. Dawn jinkludu: CulturePIE flimkien mal-Kunsill Lokali tar-Rabat (Ċitta' Vittoria), European Youth Orchestra bis-sehem ta' żagħżagħ minn diversi Kunsilli Lokali Għawdxin, Cyclogovernance (cross border Cycling itineraries), u GastroGħawdex: Preserving Gozo's gastronomic traditions.

152.5.2 Ir-Reġjun ġie avviċinat minn Kpeople Research Foundation ibbażati f'Santa Venera biex ir-Reġjun jieħu sehem fi proġett Ewropej taħt il-fondi tal-Horizon bl-isem ta' Bio-Based Circular Living Labs for Scalable Uptake in Cities and Regions. Dan il-proġett jindirizza nuqqas persistenti ta' qbil fit-transizzjoni ċirkolari tal-Ewropa. Il-President talab aktar informazzjoni dwar dan il-proġett mingħand il-Maniġer tal-Fondi Ewropej/Lokali.

**152.6 <u>Attività'għall-Kunsilli Lokali fejn jitqassmu diversi oġġetti (telescopes, bnadar, kotba tal-poeżiji).</u>**

152.6.1 Kif kien ġie diskuss u approvat fil-laqgħa numru 146 li saret fit-23 ta' Settembru 2025, ir-Reġjun Għawdex ħa ħsieb jixtri 14-it teleskopju biex jitqassmu lill-Kunsilli Lokali. Ir-Reġjun xtara wkoll bandiera għal kull Kunsill Lokali Għawdxi (skond il-laqgħa 147 li saret f'Ottubru 2025). Barra dawn il-Kunsill qiegħed fi proċess li jippublika l-kotba tal-poeżiji li kien parti mis-sena tal-Kultura 2025. Dawn ir-rigali mingħand ir-Reġjun Għawdex iridu jitqassmu lill-Kunsilli Lokali.

152.6.2 Is-Sindku ta' Ta' Kerċem qal li l-attività inkonnessjoni mat-teleskopju *Orionid Meteor Shower* ser issir f'Ottubru u għalhekk issuġġerixxa li t-teleskopju jitqassmu waqt din l-attività'. Kien hemm qbil li l-bnadar jitqassmu qabel kif ukoll il-kotba tal-poeżiji.

**152.7 <u>Attività' tal-EFA (European Festivals Association).</u>**

152.7.1 Kif kien ġie mitlub fl-aħħar laqgħa għal din il-laqgħa qed tattendi l-Maniġer tal-Kultura, Is-Snj. Naomi Galea biex tispjega x'qed jiġi mitlub mir-Reġjun Għawdex mill-EFA. Is-Sna Galea spjegat li r-Reġjun sar membru tal-EFA madwar sentejn ilu. L-EFA tinkludi is-Siġill EFFE. Dan is-Siġill jgħin lill-bliet jassoċjaw u jintegraw l-iżvilupp u l-immaġni tagħhom ma' impenn kulturali qawwi. Jistieden lill-bliet (territorji lokali organizzati u amministrati, li jistgħu jkunu wkoll reġjuni) biex jiġu rikonoxxuti għall-kontribut u l-proċess kollettiv tagħhom mal-komunità tal-festivals tagħhom. Is-Siġill EFFE għall-Bliet u r-Reġjuni tal-Festivals tnieda minn 7 bliet (Belgrad, Bergen, Edinburgh, Ghent, Krakovja, Leeuwarden u Ljubljana) fl-2022 waqt is-Summit tal-Festivals tal-Arti f'Yerevan, l-Armenja. Minn dakinhar, aktar minn 20 belt u reġjun ingħaqdu mal-proċess. Ir-Reġjun Għawdex ħoss il-ħtieġa li jkun membru sabiex jgħin fil-kandidatura tiegħu għal European Capital of Culture 2031.

152.7.2 Ir-Reġjun Għawdex ġie mistieden mill-EFFE sabiex jospita irtir u avveniment ta' networking fejn jiddiskutu politiki għall-festivals. Huma talbu biex ir-Reġjun Għawdex jiffinanzja dan li jiswa madwar €20,000. Is-Sindki staqsew dan kif ser jibbenifika lir-Reġjun. Il-President informa lill-membri preżenti li r-Reġjun jibbenefika minn din s-sħubija għal skopijiet tal-applikazzjoni tagħna għal Victoria 2031. Fl-istess ħin qal li issa din waqgħet f'idejn il-Fondazzjoni.

152.7.3 Il-membri preżenti ma approvawx li r-Reġjun Għawdex jospita din l-avveniment peress li r-Reġjun m'għandux fondi għal dan. Iżda kien hemm qbil li jekk dan l-irtir u netwerking isir r-Reġjun joffri li jospita ikla lil dawk il-persuni li jkunu ġew.

**152.8 <u>Materji Oħra.</u>**

152.8.1 Ma kienx hemm.

**152.9 <u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskedi ta' Pagamenti.</u>**

152.9.1 Fuq proposta tal-President, ġiet approvata l-iskeda tal-pagamenti 163 li kienet tammonta għal € 200,115.52.

**152.10 <u>Tmiem tal-Laqgħa u data tas-Seduta li jmiss.</u>**

152.10.1 Il-laqgħa ntemmet fis-19:00 u s-seduta li jmiss ġiet skedata għal nhar it-Tlieta 21 t'April fis-6:30 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATI** | **IFFIRMATI** |
| ______________________ | ______________________ |
| Dr. Samuel Azzopardi<br>President | Rita Mifsud Attard<br>Segretarju Eżekuttiv |